## JUNIOR LYCEUM ANNUAL EXAMINATIONS 2002

Educational Assessment Unit - Education Division

| **FORM 4** | **SOCIAL STUDIES (GENERAL)** | **TIME: 1hr 30mins** |
|---|---|---|

Isem: ___________________________________ Klassi: __________________

**Taqsima A**

**F'mhux anqas minn 30 kelma agħti d-differenza bejn**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | Speċjalizzazzjoni | u | Diversifikazzjoni. |
| 2 | Valuri soċjali | u | normi soċjali |
| 3 | Stratifikazzjoni Soċjali | u | mobilita' soċjali |
| 4 | Soċjeta' | u | komunita' |
| 5 | Gruppi soċjali | u | pressure groups. |

**30 marka**

**Taqsima B**

**Aqra din is-silta u wieġeb fl-ispazju provdut.**

Il-bidliet soċjali huma proċess kontinwu li s-soċjetajiet bil-mod il-mod jgħaddu minnhom maż-żmien. Dawn il-bidliet jiġu riflessi fi tradizzjonijiet, stil ta' ħajja, mod ta' divertiment, konsum u l-modi ġodda ta' komunikazzjoni. Il-bidla tista ssir bil-mod u tinħass wara tul taż-żmien, u tista' ssir f'daqqa.

1 Għaliex iseħħu l-bidliet soċjali?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

2 marki

2 X'insejħulhom dawk il-bidliet li jseħħu bil-mod u dawk li jseħħu b'mod mgħaġġel? Agħti eżempju minn kull tip.

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

4 marki

3 F’Malta sar ħafna tibdil soċjali. Agħti 2 eżempji ta’ bidliet soċjali f’dawn l-aspetti tal-ħajja Maltija.

Tradizzjonijiet ____________________ ____________________

Stil ta’ ħajja ________________________________________

Mod ta’ Divertiment ________________________________________

Konsum ________________________________________

Komunikazzjoni ________________________________________

10 marki.

4 X’effetti jistgħu jħallu bidliet mgħaġġla? Agħti 2 eżempji ta’ bidliet soċjali mgħaġġla.

3 marki

5 Xi jwassal biex fil-pajjiż iseħħu bidliet soċjali? Agħti mill-anqas erba’ raġunijiet.

4 marki.

6 Il-bidla fil-mod ta’ divertiment fost iż- żgħażagħ qed tkun ta’ inkwiet għall-ġenituri. Ikkummenta.

7 marki.

**Total 30 marka.**

**Taqsima Ċ**

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet .**

1 Xi tfisser soċjalizzazzjoni? Semmi tliet aġenti tas-soċjalizzazzjoni.

2 Xi jsaħħaħ is-soċjalizzazzjoni? Agħti tliet eżempji ta' fatturi li jsaħħu s-soċjalizzazzjoni.

3 X'differenza tgħaddi bejn soċjalizzazzjoni primarja u soċjalizzazzjoni sekondarja? Agħti eżempji biex tgħin it-tifsira tiegħek.

( 3x 5 marki)

**Total 15-il marka.**

**Taqsima D**

**Agħżel wieħed u ikteb fit-tul. (300 kelma).**

1 Il-proċess ta' soċjalizzazzjoni jiddistingwi s-soċjeta' mill-ġungla. Iddiskuti.

2 Kull ċittadin għandu kemm obbligazzjonijiet kif ukoll drittijiet. Permezz ta' eżempji spjega kif int bħala ċittadin tista' tħares id-drittijiet tiegħek u taqdi d-dmirijiet tiegħek lejn is-soċjeta'.

3 Il-kontroll soċjali ma jeskludix il-liberta' ta' l-individwu. Kemm taqbel ma' dan?

4 Xi wħud jgħidu li r-reliġjon m'għadhiex moda, oħrajn jgħidu li r-reliġjon hija importanti għax tagħti tifsira lill-individwu u lis-soċjeta'. X'taħseb fuq din l-idea?

**25 marka.**